# KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA

29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512

TEL: 2168 0622 /2701 3040 • FAX: 2168 0606

E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt

WEB SITE: www.mqabba.gov.mt /www.lc.gov.mt


Minuti tas-seduta numru tlettax (13) tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba (KLM) li nżammet nhar il-15 ta' Ottubru, 2013 fis-6:45pm fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Nicholas Briffa | Sindku |
| | Charlene Zammit | Deputat Sindku |
| | Grace Marie Mallia | Kunsillier |
| | Michel Farrugia | Kunsillier |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv (SE) |

1. Is-sindku ppresjeda l-laqgħa u qal it-talba.

2. Il-laqgħa bdiet tliet kwarti tard għaliex qabel il-laqgħa infetħu l-offerti tas-*CCTV cameras* fil-Pjazza tal-Knisja u fi Ġnien Tfal ir-Raħal u dik tar-restawr tal-istatwi tal-Kunċizzjoni u ta' San Franġisk.

**Punti mill-Minuti:**

3. Grace Marie Mallia talbet kopja tat-talba oriġinali li għamel il-KLM għal-lampa l-ġdida li issa twaħħlet quddiem il-*garage* tal-mekkanik fi Triq il-Qrendi. Dan b'kuntrast għal dak li hemm fil-minuti tas-seduta numru tnax.

4. Il-proposta tas-sindku, li l-aġġudikar tal-kwotazzjoni tal-*live streaming* issir waqt seduta oħra kienet sekondata minn Grace Marie Mallia u kien hemm qbil unanimu mill-kunsillieri l-oħra. Is-SE spjega li l-proposta riedet tkun issekondata għax inkella lanqas ma tkun tista' tiġi diskussa.

5. Charlene Zammit qalet illi jinħtieġ li jingħataw id-dekasteri, skont artiklu 25 (5). Hi qalet illi b'hekk il-kunsillieri jieħdu *ownership* tal-*portfolio* tagħhom u tkun tista' ssir ħidma aktar iffukata. Is-sindku qal illi bħal issa kulħadd qed jagħmel dak kollu li jista' biex l-affarijiet jirnexxu fl-intier kollu tagħhom. Għaldaqstant is-sindku qal li din l-*item* m'hix parti mill-Aġenda u qiegħdin *out of order.* Madankollu s-sindku qal li din il-materja se tkun diskussa f'seduta oħra. Hawn Paul Spiteri talab lis-sindku sabiex jara li kull kunsillier ikun l-aktar ideonju għal dak il-portafol. Hawn is-sindku qal li bid-dekasteri ħadd m'għandu jaħseb illi se jkun hemm *budget ad hoc* meta dan m'hux obbligu li jsir.

6. Dwar l-attività kulturali, Michel Farrugia ilmenta illi minħabba nuqqas ta' ko-ordinament, kien hemm mumenti fejn iltaqgħu l-banda u Marisa D'Amato u kien hemm ħafna storbju f'xulxin għax kienu qrib.

7. Charlene Zammit qalet illi tajjeb li kieku saret *treasure hunt* għall-okkażjoni ta' Jum l-Imqabba u Grace Marie Mallia talbet li jsir il-*quiz* għat-tfal. Charlene qalet li dan tajjeb li kieku jkun aktar miftuħ għat-tfal kollha tal-Imqabba u mhux għat tfal tal-iskola primarja tal-Imqabba biss.

8. Nicholas Briffa qal li attenda għall-ewwel darba l-laqgħa tal-Gal Xlokk ġewwa l-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop, liema laqgħa kienet immexxija mis-Sur Attard. Hu qal li saret diskussjoni dwar il-fondi għall *NGOs* fis-sens jekk hux se jeliminaw (illi jkunu kkunsidrati) lil dawk li bbenefikaw diġà jew jinkluduhom ukoll ma' dawk li għadhom ma bbenefikaw minn l-ebda fondi.

9. Michel Farrugia qal li reġa' tkellem ma' residenti li xtaqu li titwaħħal mera oħra fi Triq il-Parroċċa. Hawn is-sindku qal illi r-residenti qed joġġezzjonaw għaliex din se tingumbralhom il-faċċata, minkejja li Michel u Charlene insistew li din titwaħħal fuq *pole*.

10. Is-sindku ppreżenta l-istima ta' €330.40 ta' *Bookings and Co* sabiex isir it-tibdil neċessarju fuq is-sit elettroniku.

11. Is-SE kien imħeġġeġ mis-sindku sabiex jibgħat *reminder* lil *Transport Malta* dwar il-proposta *zebra crossing* fi Triq tas-Sejba kif ukoll biex jiċċaqlaq ftit metri il-*bus shelter* imwaħħal ftit tax-xhur ilu f'din it-triq. Dan minkejja li Grace Marie Mallia qalet li r-rotot il-ġodda tal-*Arriva* se jibdew minn Novembru, skont informazzjoni li għandna. Hawn Charlene qalet illi dan il-*bus shelter* mhux mixgħul u fl-inħawi hemm ħafna dlam.

12. Is-SE kien ukoll mitlub mis-sindku biex il-Ministru tal-Edukazzjoni jagħtina appuntament ħalli niddiskutu miegħu l-proposta li l-KLM ma jaqbilx magħha li niċċaqilqu mill-Kulleġġ San Benedittu għal San Injazju.

13. Is-SE kien ukoll mitlub mis sindku sabiex jinsisti għal risposta dwar it-talba li għamilna biex il-*MEPA* tinvestiga dwar l-ammont ta' trab *air-borne* fl-inħawi tas-Sejba. Hawn is-SE issuġġerixxa li nibagħtu wkoll kopja lill-Ministeru tas-Saħħa u s-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-*MEPA*.

14. Is-sindku talab ukoll lis-SE sabiex jinsisti dwar it-talba li għamilna ma' Transport Malta fejn anke kien ġie fuq is-sit il-Perit Julian Borg biex jinvestiga ħofra kbira li hemm biswit Triq tas-Sejba, għand terzi qabel ma' terġa tinżel it-triq mill-ġdid minħabba dħul ta' *run-off water* fid-dagħbien.

15. Is-sindku tkellem fuq il-proposta ta' mmaniġġjar tat-traffiku temporanju għall-inħawi tal-iskola primarja. Hu ppjanat li nhar it-Tnejn, 21 ta' Ottubru 2013 fit-8:30am issir laqgħa ta' informazzjoni għall-ġenituri tat-tfal tal-iskola primarja flimkien mal-Kap tal-Iskola dwar din il-proposta.

16. Issemmiet il-proposta ta' ħadid estenzjoni tal-puġġaman li sar diġà fit-taraġ taċ-ċimiterju tal-Imqabba. Dan se jsir mill-ħaddiema tal-KLM.

17. Dwar il-proposta li jitwaħħal bank fi Triq Karmenu Ciantar, se naraw sa fejn jasal l-armar tal-festa ħalli ma jkunx hemm għalfejn jinqala' minn postu meta dan jintrama'.

**Aġenda**

18. Il-KLM aġġudika l-offerta tal-manutenzjoni tat-toroq skond ir-rapport li għamel il-Perit William Lewis. Dan ifisser illi l-manutenzjoni tat-toroq u l-bankini se jkun f'idejn il-kumpanija *Elle's*. Is-SE kien mitlub jinforma bid-deċiżjoni lill-offerenti kollha. Hawn is-sindku qal li se jkollna fil-futur qrib nagħmlu *footway works* f'Misraħ il-Fidwa, fejn hemm bżonn li jsir *embellishment* fuq il-bandli li applikajna għad-*DNO* mal-*MEPA*.

19. Dwar l-aġġudikar tal-*live streaming* tal-laqgħat tal-KLM is-sindku qal illi r-*recurrent expenditure* li semma l-*bidder* Correct Terminations Ltd, hija għolja ferm u issa tlabna li jagħtuna perjodu ta' garanzija fuq l-*equipment* ħalli nippruvaw nevitaw li nidħlu għall-*maintenance agreement* u nnaqqsu l-ispejjeż.

20. Il-KLM ta l-offerta pubblika lil *Agius Stone Works* sabiex ikunu restawrati l-istatwi tal-Kunċizzjoni u dik ta' San Franġisk bil-pedestalli b'kollox għal €3,693 jew aħjar €3,878 bil-*management fees* inkluża. Dan se jirrestawrahom fi żmien sitt xhur.

21. Dwar l-aġġudikar tas-*cctv cameras* il-KLM iddeċieda li nġibu tekniku ħalli jkun jista' jgħina naslu għad-deċiżjoni. Dwar dan se nkellmu lill-eks kunsillier Charlie Farrugia. Madankollu sar qbil sabiex niktbu lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex is-*cctv* li qabel ssir fil-Pjazza tal-Knisja tiġi installata f'Misraħ il-Fidwa.

22. Is-sindku qal li l-attività kulturali 'Biss bil-Ħila' li nżammet nhar it-13 t'Ottubru 2013, kienet waħda suċċess minkejja li kien hemm ftit problemi loġistiċi. Dan intqal għaliex il-partitarji tal-Każin ta' Santa Marija ilmentaw mal-kunsillieri u s-SE illi quddiemhom kien kollox mejjet. Hawn intqal illi l-vetturi li ntramaw quddiem il-każin intramaw mill-istess persuna li ilu għal snin sħaħ ipoġġihom f'din iż-żona. Minħabba dawn il-vetturi, id-*display* li kienet se ssir f'dawn l-inħawi mit-tfal tal-*Football Nursery* kellha ssir post ieħor għaliex il-blalen bdew sejrin fuq il-vetturi ta' dan l-esebitur.

23. Il-KLM innota l-problema, u intant is-sindku ssuġġerixxa li f'attivitajiet futuri, il-palk jew *item* ieħor *prinċipali*, għandhom jintramaw f'din iż-żona u n-nies tersaq aktar 'l hemm. Grace Marie Mallia qalet illi hi issemmiet intortament għaliex hi ma tat l-ebda struzzjoni fejn kellhom jintramaw l-affarijiet. Michel Farrugia qal li din l-attività kulturali ma' jixtieqx illi din tiġi l-festa tal-każini. Grace Marie Mallia qalet illi l-Każin Santa Marija ilmentaw u ħassewhom urtati anke dwar l-għana li sar spirtu pront u ma kienx fil-programm. Dan intqal ukoll għall-*banner* li ma saritx fuq l-*istand* tagħhom u li s-sindku qal li xi ħadd ħadu. Problema li kellu jidħol fiha is-sindku hija dik tal-imwejjed u s-siġġijiet tar-*Remissa Bar*. Kien hemm min mill-kunsillieri li xtaq li l-attività tkun itwal milli kienet. Biex insostnu dan kollu Charlene Zammit qalet illi jinħtieġ li jiżdiedu l-*isponsors* u s-sindku qal li fuq inizijattiva tiegħu sab ħafna *sponsors* u ħa l-okkażjoni jirringrazzja formalment lis-Sur Benny Casha tal-*Bronk Productions* li sponsorja it-*T-Shirts,* lill-*Virtu Ferries* tal-vjaġġi, lil *Gym Physique* tal-*voucher* ta' €50, lil *Ferretti Restaurant* ta' tmien pizza, lit-*Team Sport* tal-*vouchers*, u lid-Dipartiment tal-Kultura.

24. Bi preparazzjoni għall-okkażjoni ta' Ġieh l-Imqabba, Paul Spiteri fakkar fil-*purchase order* li għandha ssir biex jinxtraw il-medalji.

25. Fit-20:10 Michel Farrugia skuża ruħu u ħareġ 'il barra.

**F'punti oħra:**

26. Nicholas Briffa semma l-għalqa ta' biswit l-Isptar il-Qadim. Hu qal li kellem lis-sid, ċertu Martin Gauci u dan wiegħdu li se jtella' l-ħajt twaqqa' waqt ix-xogħlijiet ta' kostruzzjoni u se jkun fih tmien piedi għoli.

27. Għat-talba sabiex l-artista Hoogvliet Weijers ittella' wirja ta' pittura fl-Isptar il-Qadim, il-KLM kellu kliem ta' tifħir u se nagħtuha permess biex din tittella' u fl-istess ħin nippromwovuha. Il-proposta hija li s-Sibt u l-Ħadd tkun miftuħa għall-pubbliku filwaqt li t-Tnejn u t-Tlieta iżuruha it-tfal. Intant il-ftuħ se jkun il-Ġimgħa, 22 ta' Novembru 2013.

28. Charlene Zammit qalet illi fi Triq il-Ħarriġiet hemm problema tal-qtates li qed idejqu lill-ġirien. Hawn is-SE qal li dawn għandhom jieħdu l-eżempju tar-residenti ta' Triq Valletta fejn inneuterjaw numru konsiderevoli ta' *strays*.

29. Is-sindku semma l-laqgħa tal-kunsillieri organizzata mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsill Lokali li se ssir nhar is-7 ta' Diċembru, 2013, lejlet festa pubblika.

30. Charlene Zammit semmiet ukoll il-problema tal-*overspeeding* fi Triq Ħal Kirkop. Hi qalet li jinħtieġ isir xi ħaġa biex ma jkunx hemm periklu fl-abitat speċjalment bejn Triq Dun Nikol Zammit u Triq il-Murselli, fejn it-triq hija pjuttost dejqa għax m'hemmx *recess* fil-bini.

31. Il-kunsillieri tkellmu fuq il-quddiesa ta' ringrazzjament li se ssir f'Jum l-Imqabba fis-27 ta' Ottubru 2013. Kien hemm qbil illi Nicholas Briffa u Paul Spiteri jaqraw l-epistola filwaqt li l-kunsillieri l-oħra itellgħu l-offerti. Se nistiednu lill-eks sindki biex itellgħu l-kuruna tar-rand fuq il-mafkar tal-gwerra u se nistiednu lill-każini għall-quddiesa.

32. Intant kien hemm qbil illi l-inviti tas-serata jintbagħtu lill-Onor Luciano Busuttil, Onor Silvio Schembri, l-Onor Jason Azzopardi, l-Onor George Vella, l-Onor Profs Scicluna u lill-Perit William Lewis.

33. Paul Spiteri staqsa lis-sindku għaliex kien hemm inkluż fil-*payment approval sheet* l-*item* ta' €850. Hawn is-sindku wieġeb illi dan kien xogħol ta' konsulenza fosthom dwar il-pjan lokali.

34. Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar il-5 ta' Novembru 2013 fis-6:00pm filwaqt li din intemmet fl-9.45pm.

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Magħmula minn* | **Anthony Bonello**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | *u approvati llum*<br>*05 / 11 / 2013 minn:* | **Nicholas Briffa**<br>**Sindku** |